2023/2519

14.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2519

tat-30 ta' Ottubru 2023

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Radjatur, b'dimensjonijiet ta' madwar 520 × 700 × 3 500 mm, li jikkonsisti f'pannelli rettangolari minn 2 sa 32 (skont il-mudell) magħmulin minn folja tal-metall galvanizzata bi struttura skanalata, bil-wiċċ iwweldjat ma' xulxin. Huwa ddiżinjat biex jiġi mmuntat fuq transformer tal-elettriku immers fiż-żejt, sabiex ikessaħ iż-żejt iżolanti tat-transformer hekk kif jgħaddi mir-radjatur. Bit-trasferiment tas-sħana żejda fl-arja, ir-radjatur jipprevjeni lit-transformer milli jisħon iżżejjed. Ir-radjatur huwa mgħammar b'bokka flanġata (li tinsab fuq nett) u bi żbokk flanġat (li jinsab fil-qiegħ) li huma konnessi (bl-użu ta' boltijiet u siġilli) mal-iżbokk u l-bokka korrispondenti tat-transformer. It-tkessiħ jista' jkun assistit jew le minn fannijiet tat-tkessiħ (għal fluss tal-arja aktar mgħaġġel) u/jew b'pompi tat-tkessiħ (għal ċirkolazzjoni aktar mgħaġġla taż-żejt) skont ir-rekwiżiti individwali. Il-pompi u l-fannijiet mhumiex preżenti fl-importazzjoni. Ara l-istampi (*).	8504 90 17	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 2(b) tat-Taqsima XVI u mill-formulazzjoni tal-kodiċijiet tan-NM 8504, 8504 90 u 8504 90 17. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8419 bħala tagħmir għat-trattament ta' materjali bi proċess li jinvolvi bidla fit-temperatura hija eskluża, peress li din l-intestatura ma tkoprix apparati li jinvolvu sempliċiment tibdil ta' temperatura mal-arja tal-madwar. Is-sħana żejda taż-żejt iżolanti li jiċċirkola fir-radjatur sempliċement tiddissipa mill-ħitan tar-radjatur fl-arja tal-madwar. (Ara wkoll l-opinjoni ta' klassifikazzjoni 8431.49/2. tas-Sistema Armonizzata). Minħabba l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tiegħu, jiġifieri l-kostruzzjoni, id-dimensjonijiet u l-pożizzjoni tal-bokka u l-iżbokk tiegħu, ir-radjatur huwa idoneu għal użu esklużivament jew prinċipalment ma' transformer elettriku tal-intestatura 8504, għat-tkessiħ u l-manteniment tat-temperatura operatorja tat-transformer. Ir-radjatur huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tat-transformer (li ma jħallihx jissaħħan iżżejjed). Għaldaqstant, ir-radjatur għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8504 90 17 bħala partijiet oħra ta' transformers u indutturi.

(*) L-istampi huma purament għall-informazzjoni.



Ir-radjatur



Radjaturi fuq transformer